MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Numru. 153/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Abraham Zammit)**

**vs**

**Derin Mangion ta' 25 sena bin Joseph**
**u Dolores nee Seychell imwieled**
**fl-1/06/1976 u joqghod 34, Triq il-Karmnu,**
**Fgura detentur tal-karta tal-identita'**
**bin-numru 299876 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Derin Mangion li gie akkzuat talli fid-9/04/2002 ghall-habta ta' 6.00 p.m. fil-Fgura, ikkommetta serq ta' senter ta' l-ghamla 'Luigi

Franchi' li l-valur tieghu hu ta'mhux aktar minn Lm 100 ghad-dannu ta' Emanuel Mangion liema serq huwa aggravat, bil-persuna, bil-lok u bil-valur, barra minn hekk fl-istess hin, lok, data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arman tan-nar (senter tal-marka 'Luigi Franchi') minghajr il-licenzja tal-Pulizija.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (fol 10).

Rat il-kunsens tal-imputat ghal tali proceduri u rat li l-imputat wiegeb li mhux hati ta'l-akkuzi (fol 19).

Semghet il-provi kollha.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi migjuba l-akkuza mhux pruvata. Fil-fatt xehed dan PS 1067 Mario Spiteri li ha r-rapport u kkonferma biss minn dak li qallu l-istess akkuzat li dan kellu xi jghid ma' martu. Minn naha taghhom kemm Dolores Mangion, Emmanuel Mangion u Derin Mangion ghazlu li ma jixhdux.

Ghaldaqstant tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------